# NIFTAKAR

*Niżla wieqfa taħt ħarsti*
*Tasal sa' xatt il-baħar,*
*Tiżwiq ta' lwien u ħdura......*
*Kollox, kollox niftakar:*

*Meta hienja r-rebbiegħa*
*Qabżet bil-ferħ ġo fija,*
*Meta ġo ħbub għajnejja*
*Dehret titbissem dija:*

*L-Imħabba, qisha xbiha*
*Ta' ħolma ftit mistura;*
*Tiċċara, 'mbagħad, u tieħu*
*Ta' warda mbexxqa s-sura;*

*Sakemm f'għodwa sabiħa*
*Naraha tqum fuq ġenbejha,*
*Tixgħel tbissima f'fommha,*
*Iħammar bħal nar f'ħaddejha.*

*Bħal meta n-naħla, msakkra*
*Bil-għasel ta' ġol-fjura,*
*Ferrieħa tfeġġ u tifrex*
*Ġwinħajha kollha sfura,*

*Hekk xorbot qalbi, u ssakkret*
*Minn fuq xuftejn l-Imħabba;*
*Ferrieħa, mbagħad, hi xxaħxħet,*
*Ma ratx in-nar li trabba:*

*L-abjad irħam, l-avorju,*
*Is-sbuħija ta' laħamha,*
*Fis tbiddlet f'nar li dewweb*
*Ġisimha qisu xema'.*

*U l-għanja sfat tnehida,*
*u l-ħlewwa sfat imrar,*
*U l-ferħ minn ħbub għajnejja*
*Intefa' bil-mod u mar......*

*Niżla wieqfa taħt ħarsti*
*Tasal sa xatt il-baħar;*
*U hawn bid-dmugħ f'għajnejja*
*Kollox, kollox niftakar.*

30/1/50.

J. B. CASSAR.